KLR 27/VI/2011

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Erbgħa, 7 ta' Settembru 2011 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Joseph Debrincat, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar żewġ laqgħat.

**1. Mill-Minuti KLR 25/VI/2011**

Il-Viċi Sindku talab li fil-laqgħa li jmiss jitressaq rendikont ta' kemm ġie jiswa' x-xogħol fi Pjazza San Ġorġ. Il-membri qablu ma dan.

**2. Ġemellaġġ**

Il-membri ġew mgħarfa li l-Kunsill ġie nfurmat li minn Comacchio qed jipposponu ż-żjara tagħhom li kellhom jgħamlu fil-bidu ta' Settembru.

Dwar il-ġemellaġġ li sar f'Nichelino, is-Seg. Eżekuttiv resqet korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn intalbet spjega tal-fondi li ntefqu f'dan il-ġemellaġġ. Dan il-ġemellaġġ sar fl-2009, jiġifieri mill-Kunsill preċedenti, u kien approvat fl-2006. Ta' min jinnota li l-Kunsill mhux qed ikollu spiża ta' ġemellaġġ kull sena u kemm ilu jeżisti l-Kunsill Lokali, kien f'din is-sena biss li kien hemm spejjes sostanzjali għall-ġemellaġġ.

**3. Skema Green MT**

Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li bejn it-12 u s-17 ta' Settembru 2011 ser jitqassmu l-boroż il-ġriżi lir-residenti. Dan minn naħa tal-Green MT. Is-Sindku propona li l-Kunsill jikkunsidra ukoll li jergħu jevalwaw l-proposti tal-Green Pak rigward il-ġbir ta'l-iskart separat. Il-membri qablu.

**4. Attivita' ta' l-Aħħar tas-Sena**

Il-membri qablu li l-Kunsill jibda jaħdem fuq l-attivita' ta' l-aħħar tas-sena. Qablu wkoll li jekk minn naħa tal-Gvern, l-applikazzjoni ta' l-iskema għall-attivitajiet organiżżati mill-Kunsill ma tgħaddix, il-Kunsill jikkunsidra jekk jorganiżżax din l-attivita' jew le. Dan minħabba l-fatt li l-*isponsors* naqqsu drastikament u l-maġġoranza ta'l-ispejjes qed joħroġhom il-Kunsill.

**5. Korripsondenza**

Is-Seg. Eżekuttiv resqet korrispondenza mingħand:-

5.1 it-Transport Malta (TM) fejn -

inħareġ il-permess għall-

5.1.1 *parking for light vehicles only* fi Triq taħt Putirjali;
5.1.2 *un/loading* quddiem Orienta fi Triq il-Kunsill Ċiviku;
5.1.3 *double yellow lines* fil-kantuniera fi Triq Għar Gerduf;
5.1.4 *one metre double yellow line* fuq żewġ naħħat tal-garaxxijiet ta' 'Sacred Heart" u 'Jessica Hse.' ta' Triq Papa Ġwanni Pawlu II;
5.1.5 *one metre double yellow line* fuq żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Maple Leaf Crt. Flt 15 fi Triq Pawlu Portelli;

5.1.6 il-Kunsill ġie mitlub jagħti l-veduti tiegħu rigward l-egħluq ta' Triq Vajringa waqt il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola primarja Sir Arturo Mercieca, meta tkun qed tinbena Triq Repubblika. It-TM għamlet is-suġġerimenti tagħha u temporanjament, Triq Vajringa se tkun taqdi t-traffiku li s-soltu jgħaddi minn Triq Repubblika. Għalhekk qed ikun diffiċli li din it-triq tingħalaq qabel u wara l-ħinijiet ta' l-iskola. L-għan prinċipali tal-Kunsill hu s-sigurta ta dawn it-tfal. Għaldaqstant ma jaqbilx li Triq Vajringa titħalla miftuħa waqt li t-tfal tal-primarja jkunu deħlin jew ħerġin mill-iskola.

5.2 Dipartiment għal-Gvern Lokali dwar:-
5.2.1 Meom 64/2011 – *Playing fields* tal-Kunsill Lokali b'tgħamir li jista' jkun perikoluż;
5.2.2 Memo 72/2011 – Finanzjament għal-proġetti tal-Kunsilli Lokali taħt program tal-Unjoni Ewropea.
5.2.3 Memo 73/2011 – Riorganizzazzjoni tas-swieq fil-beraħ – *White Paper*. Il-membri qablu li din tiġi diskusa fil-laqgħa li jmiss.

5.3 is-Senior Architect tal-Government Property Division fejn ġie ċċertifikat li fi Flat 2, Blokk KA, taċ-Ċawla *Housing Estate* hemm problema bl-ilma tax-xita peress li qed jidħol mill-bitħa nterna. Din il-problema tissolva billi jsiru pajpijiet ġodda kif sar bi blokkjiet oħra. Il-membri qablu li dan ix-xogħol irid isir;

5.4 petizzjoni mir-residenti ta' Triq Karita' li bgħatu lis-Settorat Servizzi tas-Saħħa rigward il-fatt li l-iskammel li qed jgħaddi minn din it-triq qed dejjem iqattar. Il-Kunsill kemm 'il darba ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur u kemm 'il darba immultaħ fuq hekk. Il-membri qablu li dan l-

inkonvenjent isir matul ix-xhur ta-sajf u għalhekk għandu jiġġi mmultat għax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2011;

5.5 petizzjoni mir-residenti ta' Triq Vajrinġa li ntbagħtet lid-Direttorta tat-TM. Din rigward l-egħluq tat-triq waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola. Ir-residenti jridu jużaw il-vetturi tagħhom waqt li t-triq tkun mgħaluqa li qed ukoll jikkawża konġestjoni fit-traffiku. Is-suġġeriment hu li tingħalaq Triq Sir Arturo Mercieca u t-tfal jidħlu mill-bibien sekondarji li hemm f'din it-triq;

5.6 Il-Manager Gozo Museums and Sites f'isem Heritage Malta fejn talbet parkeġġ riservat fiċ-Ċittadella. Il-Kunsill iħoss li fil-preżent hu ftit diffiċli li japprova din it-talba. Il-parkeġġi riservati ta' l-uffiċċini governattivi kienu tneħħew meta ġiet introdotta l-iskema għal-parkeġġ riservat fir-Rabat. Ta' min jinnota wkoll li il-Qorti t'Għawdex lanqas għandu parkeġġ riservat;

5.7 il-Fondazzjoni Oasi rigward in-nominazzjoni għaż-Żgħażugħ tas-Sena;

5.8 il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri fejn ġie rrappurtat li parti miċ-ċint ta' Wied Grixti hu mwaqqa. Il-membri qablu li dan jitranġa;

5.9 Frances Attard li talbet permess mingħand il-Kunsill sabiex tarma l-kiosk tagħha (trukk) fil-parkeġġ il-kbir qrib il-grawnd Leli Farruġia fl-istess post li kienet armata fil-festi. Il-membri qablu li din tiltaqa' mas-Sindku sabiex tispjega aktar il-post eżatt fejn trid tarma;

5.10 Rachel Galea fejn issuġġeriet li jsiru bankini ġodda fi Triq Santa Martha. Il-membri qablu li dawn jitpoġġew fil-lista tal-bankini li jridu jsiru;

5.11 Paolo Camilleri Cauchi fejn issuġġerixxa li billi Wistin Camilleri twieled u għex fil-mitħna li hemm fi Triq Ġużeppi Spiteri, din ta' l-aħħar tinbidel u ssir Triq Wistin Camilleri u Triq Ġużeppi Spiteri ssir minnflokha li tinsab fil-qrib, faċċata ta' l-isptar. Il-membri qablu li dan is-suġġeriment jgħaddi lill-Kumitat għal-Ismijiet tat-Toroq;

5.12 Dr. John L.Gauci li kiteb għan-nom ta' Marvic u Josianne Buġeja li kellhom inċident ikkawżat mix-shelter ta' Triq Vajrinġa fl-20 ta' Lulju 2011. Il-membri qablu li l-Avukat tal-Kunsill tirrispondi din l-ittra;

5.13 Dolindo Cassar fejn talab sabiex isir *bollard* fil-bidu ta' Triq Sant' Indirija kantuniera ma Triq Palma peress li qed jitħallew il-vetturi pparkjati b'mod li *wheelchair* ma tkunx tista' tidħol fi Triq Sant' Indirja. Il-membri ma jaħsbux li *bollard* hi s-soluzzjoni peress li fil-bidu ta' Triq Sant' Indirjia hemm il-garaxxijit u *bollard* tista' toħloq problema f'kas ta' ambulanza. Il-Kunsill kemm 'il darba irrapporta dan l-inkonvenjent kemm lill-gwardjani lokali u anke' lill-pulizija;

5.14 il-Mepa rigward l-iskedar tal-Knisja Katidrali u tal-Bażilika Kolleġġjata ta' San Ġorġ;

## 6. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

6.1 tinħareġ offerta sabiex jiġi ppubblikat ktieb li jirrigwardja l-Belt Victoria, l-istorja, l-kultura u s-sbuħija ta' din il-Belt. Is-Sindku ressaq *draft* tal-kundizzjonijiet speċifiċi għal din l-offerta u wara xi tibdil il-membri unanimament qablu li dawn ikunu kif hemm imniżżel f'dokumnet B anness. Il-membri qablu wkoll li l-Kunsill jitlob ħlas ta' €100 biex jinbieħ id-dokument ta'l-offerta kif jintalab fuq offerti oħra.

6.2 jintalab il-permess tat-TM sabiex jinżebgħu l-parkeġġi fi Triq Santa Marta;

6.3 jiġi magħluq kont bankarju f'isem il-mafkar f'ġieħ Ġorġ Pisani (01440600979 Lombard Bank) li l-bilanċ jammonta għal €157.08. Dawn il-fondi ser jintużaw sabiex jitranġa d-dawl ta'madwar dan il-monument;
6.4 jinħarġ permess għal-*one day event* f'isem Melita Cable biex issir *open weekend* quddiem il-ħanut fuq il-bankina fi Triq Repubblika, fit-23 ta' Settembru 2011;

6.5 tiġi organiżżata attivita' għat-tfal ta' l-*area* tal-Kapuċċini qabel il-festa tal-Madonna tal-Grazzja. L-ispiża m'għandiex taqbeż l-€116;

6.6 il-Perit jintalab sabiex iħejji d-dokumenti għall-offerta biex Triq San Ġorġ, il-parti l-miksura, minn Triq Providenza sa Pjazetta San Ġorġ tal-Ħaġar, titranġa billi l-madum l-abjad li hu kollu miksur jinbidel u jintuża l-granit li kien baqa' minn Pjazza San Ġorġ. L-isqaqien għadhom fi stat tajjeb u għalhekk ma jiġux inklużi fl-offerta;

6.7 il-Perit jintalab jgħamel il-pjanta ta' parkeġġi ġodda għal Triq l-Universitas li tkun tinkludi wkoll it-tabelli neċessarji sabiex ma jipparkjawx vetturi tqal. Din biex imbagħad tintbgħat għal approvazzjoni tat-TM;

6.8 billi l-Gvern Ċentrali ser jibni mill-ġdid Triq Repubblika, il-Kunsill jissuġġerixxi li matul it-triq fejn isir it-tiżjijn tal-festi, jsiru kaxxi tad-dawl minn taħt l-art. Hekk ma jibqgħux jiddendlu mad-djar u jitnaqqsu wkoll il-*wires* imdendla. Il-membri qablu wkoll li jiġi suġġerit li l-bankini jsiru tal-porfido.

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li:-

6.9 ġiet sottomessa applikazzjoni għall-Kusill Lokali taż-Żgħażagħ fi ħdan l-Aġenzija Żgħażagħ;

6.10 ġiet ukoll sottomessa applikazzjoni għal-iskema tal-Kunsill Lokali ta' eco-Gozo fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Kif kienu qalbu l-membri tal-Kunsill, l-applikazzjoni tirrigwardja l-*upgrading* tal-*playing field.*

Is-Seg. Eżekuttiv għarrfet lill-preżenti li:-

6.11 resident ġibdilha l-attenzjoni rigward applikazzjoni tal-MEPA (PA 00896/11) – *to renew permit no. 3256/058 – to replace underground fuel tank at existing petrol station in Savina Square;*

6.12 daħlu €2,350 li kienu parti mill-għajnuna li ġiet offruta mill-Ministeru għal Għawdex rigward l-attivita' tas-Serta di Gola;

6.13 dwar il-*Car Free Day* li ser tiġi organiżżata mill-Oratorju Don Bosco, nhar il-Ħadd 18 ta' Settembru 2011, il-membri qablu li mid-09.00 sa 12.00 jingħalqu parti mill-parkeġġ ta' Pjazza Santu Wistin, Triq l-iskola u Pjazzetta Patri Akkursju Xerri u mis-14.00 sas-18.00 tingħalaq Triq Repubblika minn salib it-toroq il-fuq. L-organiżżaturi għandhom iħallsu s-servizz tal-gwardjani Lokali.

6.14 Infetħu l-offerti ta' l-*Upgrading* f'taċ-Ċawla *Residential Area.* Dan skond is-*schedule of tender* annessa f'dokument A. Id-dokumenti għandhom jintbgħatu lill-Perit sabiex joħroġ ir-rapport skond id-detaljji mitfugħa.

6.15 Il-kunsillier Debrincat issuġġerixxa li tiġi restawrata in-niċċa ta' San Ġużepp ta' Triq Papa Ġwanni Pawlu II u niċċa oħra fi Triq l-Imgħallem. Is-Sindku qal li n-niċċeċ li ġew restawrati ġew iffinanzjati mill-iskema tar-restawr ta' postijiet storiċi żgħar.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Seg. Eżekuttiv